Kunsill Lokali — L-GĦASRI — Local Council

MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**Id-Disa' Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 14**

l-Erbgħa, 28 ta' Mejju 2025

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Dr Daniel Attard | - | Sindku |
| Is-Sur Sammy Saliba | - | Viċi Sindku |
| Is-Sur Emanuel Mintoff | - | Kunsillier |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - | Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - | Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Silvio Xerri | - | Segretarju Eżekuttiv |

6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021, Għawdex, Malta.
Tel: (+356) 21558686 /21558655 · email: ghasri.lc@gov.mt · www.ghasrilc.gov.mt

## 14.1 Talba

14.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet ippreseduta mis-Sindku Dr. Daniel Attard.

## 14.2 Ittri ta' Apoloġija

14.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 14.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

14.3.1 Il-Minuti tal-laqgħa numru 13 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 14.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

14.4.1 *Email* mibgħuta mir-Reġjun Għawdex datata 26 ta' Mejju 2025, fejn saret talba sabiex min hu interessat jipprovdi post sabiex isiru xi laqgħat relatati ma Żanżan Kelma 2025 Preparatory Sessions.

14.4.2 *Email* mibgħuta mingħand Iċ-Ċentru Xjenza Esplora datata 23 ta' Mejju 2025, fejn minn Ottubru ser ikun qiegħed jiġi offrut pakkett għall-anzjani għall-prezz ta' €1.50c, li jinkludi 45 minuta film, *refreshment* u *drink*. Il-kunsilliera qablu li jekk tkun ser issir ħarġa f'dawk iż-żminijiet, tali proposta tkun tista' tiġi nkluża.

14.4.3 *Email* mibgħuta mingħand Kyle Borg Studio datata 13 ta' Mejju 2025, bi kwotazzjoni u *write up* sabiex jinġibed il-vidjo tal-festa tar-raħal. Il-kunsilliera approvaw il-kwotazzjoni u r-*write up*.

14.4.4 Is-Sindku rringrazja lill-kunsilliera Elizabeth Mintoff tal-ħarġa li saret f' Jum L-Omm.

## 14.5 Tweġibiet għall-Mistoqsija tal-Kunsilliera

14.5.1 Il-kunsillier Emanuel Mintoff saqsa jekk iż-żona ta' qabel ma tinżel għal Wied l-Għasri tistax titranġa ftit, billi jintefa' ftit ramel sabiex fejn jipparkjaw il-karozzi tkun sew għal żmien is-Sajf. Il-Kunsilliera qablu li tali titranġa.

## 14.6 Triq Salvu Gambin (One Way)

14.6.1 Reġgħet saret talba sabiex Triq Salvu Gambin issir *one way*. Ġie rrimarkat li fl-aħħar laqgħa ma ttiħditx deċiżjoni iżda ġiet diskussa tali talba. Is-Sindku rrimarka li għandha ssir talba lil *Transport Malta* jekk tali triq tistax issir *one way* jew le. Jekk *Transport Malta* ma jsibux oġġezzjoni għal tali talba, għandha ssir *one way* bi prova.

## 14.7 *Memorandum of Understanding* (Kunsill Lokali Għasri – Jiaging (China))

14.7.1 Is-Sindku rrimarka li l-Kunsill irċieva *email* mingħand id-Dipartiment datata 22 ta' Mejju 2025 fejn hemm indikat li l-ġemellaġġ bejn il-Kunsill Lokali tal-Għasri u Jiajing (China) ġie approvat. Is-Sindku rrimarka li min-naħa tad-Dipartiment mhux biss ġie approvat li jiġi ffirmat il-*Memorandum of Understanding* iżda anke l-proċess tal-ġemellaġġ. Saret diskussjoni rigward għandux jiġi ffirmat il-*Memorandum of Understanding*. Ġie rrimarkat li sabiex jżuru ċ-Ċina l-membri tal-kunsill, ser ikun hemm spejjeż involuti. Is-Sindku rrimarka li jistgħu jiġu allokati fondi għal dan il-għan. Is-Sindku saqsa għadux jiġi ffirmat il-*Memorandum of Understanding*.

Mozzjoni - Is-Sindku Daniel Attard ddikjara li dan il-*Memorandum of Understanding* mhuwiex ġemellaġġ imma huwa bidu ta' negozjar għall-ġemellaġġ mas-*city* ta' Jiajing District u dan il-*Memorandum of Understanding* ma jobbligax lill-kunsill bl-ebda mod li jidhol fi ftehim ta' ġemellaġġ formali mingħajr il-qbil tal-Kunsill Lokali tal-Għasri. Jiddikjara wkoll illi kwalunkwe nefqiet li ħa jkun hemm sabiex l-Għasri jibbenefika minn dan il-ġemellaġġ sal-kuntratt ta' ġemellaġġ ħa jkun qed jagħmilhom a spejjeż tiegħu u mhux ħa jitlob fondi mill-kunsill. Wara li d-dipartiment tal-kunsilli lokali approva li l-kunsill jista' anke ta' bilħaqq jasal għal ftehim ta' ġemellaġġ, huwa qed jitlob lill-kunsill sabiex ikun jista' jibda n-negozjati sabiex jippreżenta l-kuntratt ta' ġemellaġġ lil dan il-kunsill għall-approvazzjoni.

Il-Kunsilliera Emanuel Mintoff u Salvatore Felice Pace astjenew. Il-Viċi Sindku Sammy Saliba u l-kunsilliera Elizabeth Mintoff qablu li għandu jiġi ffirmat il-*Memorandum of Understanding* sabiex jiġu diskussi l-proposti li jistgħu jwasslu għal ġemellaġġ. Qabel ma jiġi ffirmat xi kuntratt dan għandu jiġi diskuss waqt laqgħa u anke spejgat lir-residenti.

## 14.8 Materji Oħra

14.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġab il-kwotazzjonijiet neċessarji relatati mal-bdil tal-*printer* u li l-orħos huwa tal-istess operatur tal-*printer* attwali. Rigward il-*printer* il-qadima hemm l-opzjoni li tinżamm jew li jiġborha l-operatur. Il-kunsilliera qablu li għandha tinġabar mill-operatur.

14.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li l-ħarġa b' Calypso Train ser issir fil-11 ta' Lulju 2025.

14.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li rigward il-ħarġa ta' Kemmuna, ġew mitkellma żewġ operaturi. Dalgħodu stess ġie kkonfermat mill-operatur tas-sena li għaddiet li jista' joffri l-istess servizz bħas-sena li għaddiet li jinkludi BBQ. Infurmana wkoll li d-dgħajsa tesgħa biss 33 ruħ u peress li s-sena l-oħra kien hemm grupp ta' aktar minn 50 ruħ, huwa lest li jagħmel żewġ vjaġġi.

14.8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li rigward l-i*stray cats* huwa vverifika jekk hux jingħata ikel mill-awtoritajiet konċernati u huwa sar jaf li mhux kull persuna li hija rreġistrata mal-kunsill hija rreġistrata mal-awtoritajiet konċernati. Tali jistgħu jmorru jirreġistraw u jingħataw l-għajnuna neċessarja sabiex ikunu jistgħu jitimgħu l-i*stray cats*.

14.8.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li huwa ċċekkja l-file relatat mal-*embelishment* tal-pjazza u li huwa bagħat *email* lill-perit inkarigat pero' li għad ma hemmx risposta min-naħa tiegħu.

14.8.6 Wara li kien ġie diskuss li għandu jitqabbad perit sabiex jagħmel pjanti relatati mal-binja tal-kunsill u mal-ġibjuni, is-Segretarju Eżekuttiv informa li ġew mitkellma żewġ periti, fejn wieħed minnhom kienet ppjanata laqgħa iżda din qatt ma seħħet u l-ieħor peress li huwa mpjegat mal-Ministeru għal Għawdex, aħjar ma jkunx mqabbad mill-kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ser ikellem perit ieħor sabiex jara jaċċettax tali inkarigu.

14.8.7 Transport Malta approvat it-talba tal-kunsill sabiex il-ħabel f'Wied l-Għasri jitwaħħal fil-post indikat u li dan għandu jsir mill-kunsill. Għalhekk għandu jinxtara l-materjal u jitwaħħal.

14.8.8 Residenta talbet li dik il-biċċa triq li fadal f'Wied l-Għasri ssir bit-*tarmac*. Il-kunsilliera rrimarkaw li dik hemm stima tal-kuntrattur u kellha tiġi riveduta.

14.8.9 Ġie mitkellem il-kuntrattur inkarigat minn Triq Wied Sara, li nforma li huwa ġab il-permess u ser jibda x-xogħolijiet relatati mad-drenaġġ. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li min-naħa tal-kunsill irid ikun hemm kollox skont il-kuntratt u li għalhekk għandha ssir laqgħa mad-DG fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Ġie rrimarkat ukoll li jrid ikun hemm ftehim li l-ammonti *extra* jitħallsu dirett mill-Ministeru u mhux jgħaddu mill-kunsill.

14.8.10 Saret talba sabiex isiru xi toqob għall-armar tal-festa u sabiex jinqata' xi ġebel bi preparazzjoni għall-installazzjoni tal-fanali l-ġodda ta' fuq iz-zuntier. Il-kunsilliera qablu li għandu jitqabbad il-kuntrattur sabiex jagħmel tali xogħolijiet.

14.8.11 Il-Kunsillier Emanuel Mintoff ġibed l-attenzjoni li t-tabella li hemm int hu dieħel l-Għasri min-naħa ta' Ta' Pinu spiċċat u li hemm bżonn tinbidel. Għadu jiġi vverifikat min jista' jibdel tali tabella sabiex tinbidel.

14.8.12 Il-kunsillier Salvu Felice Pace informa li l-preparamenti għall-attività tal-4 ta' Ottubru 2025 mexjin ġmielhom u li talba sabiex jintuża l-edifizzju tal-MUSEUM ġiet aċċettata.

## 14.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

14.9.1 Tressqet l-iskeda ta' pagamenti numru 09-12 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet approvata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 14.10 Tmiem il-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss

14.10.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9:00 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 4 ta' Ġunju 2025 fis-7:00 ta' filgħaxija.

Ikkonfermati, nhar it-Tlieta, 15 ta' Lulju 2025.

| | |
|---|---|
| **Dr. Daniel Attard** | **Silvio Xerri** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |